# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-8 ta' Diċembru 2005

## dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini

(2005/938/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità hija kompetenti biex tadotta miżuri għall-konservazzjoni u l-immaniġġjar ta' riżorsi tal-baħar u biex tidħol fi ftehim ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(2) l-Komunità hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, li teżiġi li l-membri kollha tal-komunità internazzjonali jikkoperaw biex jikkonservaw u jimmaniġġjaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar.

(3) Il-Komunità hija parti kontraenti tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 li għandhom x'jaqsmu mal-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Ħażniet ta' Ħut *Straddling* u Ħażniet ta' Ħut Migratorju.

(4) Fi Frar 1998, il-35 laqgħa Intergovernattiva dwar il-konservazzjoni tat-tonn u d-delfini fl-Oċejan Paċifiku tal-Lvant adottat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (minn hawn 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat f'Washington fil-21 ta' Mejju 1998 u daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 1999.

(5) Bħalissa hemm 15-il parti kontraenti għall-Ftehim, li huma l-Bolivja, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, l-El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Peru, Spanja, l-Istati Uniti, il-Vanwatu u l-Veneżwela.

(6) L-objettivi tal-Ftehim jinkludu t-tnaqqis progressiv ta' mwiet inċidentali tad-delfini fl-industrija tas-sajd bix-xibka għat-tonn fl-Oċejan Paċifiku tal-Lvant li jwassal għal livell viċin iż-żero, billi jiġu ffissati limiti annwali u jsir tkabbir sostenibbli għat-tul tal-provvisti tat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim;

(7) Il-Komunità tirrikonoxxi l-importanza tal-Ftehim fil-protezzjoni tas-sajd sostenibbli bħala mezz li jiggarantixxi l-konservazzjoni ekoloġika ta' speċi oħrajn, partikolarment id-delfini.

(8) Sajjieda fil-Komunità jistadu għal provvisti ta' tonn fiż-Żona tal-Ftehim u huwa fl-interess tal-Komunità li jkollha funzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Ftehim;

(9) Il-Komunità ffirmat ([2]) il-Ftehim, u ddeċidiet li tapplikah b'mod proviżorju ([3]) sakemm jitwettqu l-proċeduri għall-adeżjoni uffiċjali tagħha għall-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali (IATTC).

(10) Skond l-Artikolu XIV tal-Ftehim l-IATTC għandu jkollha funzjoni integrali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tal-Ftehim u ħafna miżuri ta' implimentazzjoni se jkunu adottati fil-parametri ta' l-IATTC;

(11) Fl-istess ħin, ir-Renju ta' Spanja kien awtorizzat li jiffirma l-Konvenzjoni li stabbiliet l-IATTC bażi temporanja ([4]).

([1]) Opinjoni tad-9 ta' Ġunju 2005 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) ĠU L 132, tas-27.5.1999, p. 1.

([3]) ĠU L 147, tat-12.6.1999, p. 23.

([4]) ĠU L 155, tat-22.6.1999 p. 37.

(12) Ir-Renju ta' Spanja ffirma l-IATTC f'Ġunju 2003.

(13) L-adeżjoni uffiċjali tal-Komunità ma' l-IATTC se ssir hekk kif tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni għat-tisħiħ ta' l-IATTC stabbilita mill-Konvenzjoni ta' l-1949 bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (il-Konvenzjoni ta' Antigwa), li tagħha l-Komunità hija firmatarja ([1]).

(14) Sakemm tidħol fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Antigwa, il-parteċipazzjoni effettiva tal-Komunità fix-xogħol ta' l-IATTC u konsegwentement, fl-attivitajiet u l-miżuri kollha deċiżi skond il-Ftehim, huwa żgurat permezz tas-Sħubija tar-Renju ta' Spanja fl-IATTC f'isem il-Komunità.

(15) Konsegwentement, il-Komunità issa qiegħda f'pożizzjoni li tapprova l-Ftehim u tassumi kompletament id-doveri u r-responsabbiltajiet tagħha skond kemm il-Ftehim kif ukoll il-Konvenzjoni li stabbiliet l-IATTC.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar lil dik/dawk il-persuna/i li għandhom is-setgħa li jiddepożitaw l-istrumenti ta' approvazzjoni mal-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala Depożitarju tal-Ftehim skond l-Artikolu XXXII tiegħu.

Magħmul fi Brussel, nhar it-8 ta' Diċembru, 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. HUTTON

---

([1]) ĠU L 15, tad-19.1. 2005, p. 9.